**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Nguyen Van Hung**

**Illum: 07 ta' Awissu, 2023**

Rat li Nguyen Van Hung ta' 27 sena, iben Duong u Luong imwieled il- Vietnam fid-9 ta' Ġunju 1996, residenti Marsaskala u detentur tal-passaport Vietnamiż numerat P00321657 tressaq taħt arrest akkużat talli:

*"... fis-6 ta' Awissu 2023 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé passaport tal-Vietnam, innumerat C9362034 u maħruġ f'isem Hoang Van Tuan mahrug fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta) ...”*

Rat li l-imputat waqt is-seduta tal-lum huwa ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, l-età tal-imputat u l-fedina penali netta tiegħu.

Ikkunsidrat ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet kontra l-imputat, u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ inkluż il-biża li peress li l-imputat m'għandux rabtiet ma pajjiżna, dan jaf jerġa jittenta l-azzjonijiet li wassluh quddiem din il-Qorti. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li dan il-każ għandu jiġi ttrattat b' piena karċerarja effettiva.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal- Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat stess issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Fl-aħħarnett il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex il-ħati jinżamm fis-sezzjoni tal-YOURS ġewwa l-istess faċilita.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**

**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------